**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' April, 2023**

**Avviż Numru 97/2019**

**Joeline Delicata**

**Vs**

**Bond's Limited (C4026)**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors tal-attriċi** ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha somma li ma teċċedix il-ħmistax-il elf Ewro **(€15,000.00)**, rappreżentanti ħlas magħmul b'rabta ma' u valur ta' kċina ordnata mingħandha u li naqset li tikkonsenja tal-kwalita' pattwita bejniethom, spejjeż inkorsi minnha konsegwenza ta' l-aġir tas-soċjeta` konvenuta u danni sofferti minħabba l-aġir u n-nuqqasijiet tal-istess soċjeta`.

L-attriċi talbet ukoll li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata l-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 971/2019 ippreżentata nhar it-12 ta' April, 2019, ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 700/2019 u bl-imgħax legali kontra l-istess soċjeta`.

Rat **ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta** ppreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2019, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :-

1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, l-eċċipjent segwa strettament il-kundizzjonijiet tal-ftehim li ġie iffirmat bejn il-partijiet, kif ukoll dak li ġie maqbul bejn il-partijiet sussegwentement;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-soċjeta' eċċipjenti ikkonsenjat kċina hekk kif kien pattwit bejn il-partijiet;*

3. *Illi meta kien hemm problema bl-istess kċina, liema problema ma kienetx ikkawżata mis-soċjeta' eċċipjenti, kienet r-rikorrenti stess li rrifjutat il-konsenja ta' biċċiet tal-kċina addizzjonali li ordnat ir-rikorrenti stess tramite s-soċjeta' eċċipjenti, mingħajr ebda raġuni valida skond il-Liġi;*

4. *Illi in vista tas-suespost, ma hemm ebda danni jew spejjeż li għandhom jiġu likwidati favur ir-rikorrenti;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux talli ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti, talli l-eċċipjenti sofra danni u spejjeż inġenti bħala konsegwenza diretta tar-rifjut tal-konsenja tal-kċina kif pattwit bejn il-partijiet mir-rikorrenti, u bħala konsegwenza diretta tal-ksur tal-ftehim bejn il-partijiet mir-rikorrenti. B'konsegwenza s-soċjeta' Bond's Limited ser tippreżenta kontestwalment kontro-talba.*

Rat illi mar-risposta tagħha s-soċjeta` konvenuta ressqet **kontro-talba** fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-attriċi tħallasha s-somma ta' ħamest elef, mija u seba' Ewro (€5,107) għal spejjeż inkorsi mill-istess soċjeta` bħala konsegwenza diretta tal-azzjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonata, bl-ispejjeż u bl-interessi, kif ukoll l-ispejjeż u interessi fuq is-somma li ġiet depożitata permezz taċ-ċedola bin-numru 1010/2019 mis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti b'konsegwenza tal-mandat bin-numru 700/2019 maħruġ mir-rikorrenti rikonvenzjonata fil-konfront tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti.

Rat **ir-risposta tal-attriċi rikonvenzjonata** ippreżentata fit-3 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :-

1. *Illi l-kontrotalba mressqa minn Bond's Limited hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-esponenti Delicata dejjem aġixxiet fil-parametri tal-liġi u f'eżerċizzju tad-drittijiet legali tagħha u jekk Bond's Limited inkorriet xi spejjeż dawn kienu tort tagħha in kwantu naqset milli tonora l-obbligi tagħha skond il-liġi kif spjegat u kif ser*

*jirriżulta aħjar fil-proċeduri naxxenti mit-talba promotriċi ta' Joeline Delicata;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti Joeline Delicata ma għandhiex twieġeb għall-kontrotalba ta' Bond's Limited stante li ma taħtix għal dak mitlub minn Bond's Limited u li in pessima ipotesi fost affarijiet oħra huwa frott il-pika u l-għebusija tar-ras tad-direttur tas-soċjetà Bond's Limited;*

Rat id-dokumenti sottomessi miż-żewġ partijiet ;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda meta din il-kawża kienet għadha qed tinstema' quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet ;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet ;

Rat li din il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi din il-Qorti se tirreferi għal Joeline Delicata bħala « l-attriċi » u għas-soċjeta` Bond's Limited bħala « il-konvenuta » u dan a skans ta' kull ekwivoku li jista' jkun hemm peress li s-soċjeta` konvenuta ppreżentat kontro-talba.

Illi l-attriċi pproċediet bil-kawża odjerna wara li kienet ordnat kċina mingħand il-konvenuta. Fir-rikors tagħha l-attriċi ssostni li l-kċina konsenjata lilha mill-konvenuta ma kinitx tal-kwalita` pattwita u għalhekk qiegħda titlob li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallasha somma li ma teċċedix il-ħmistax-il elf ewro (€15,000) rappreżentanti il-ħlas li kienet diġa għamlet għall-istess kċina, spejjeż u danni sofferti tort tal-aġir tal-konvenuta.

Illi l-konvenuta da parti tagħha sostniet li l-kċina konsenjata kienet dik tal-kwalita` pattwita u segwiet il-kundizzjonijiet tal-ftehim li ġie ffirmat bejnha u bejn l-attriċi u dak kollu li ġie maqbul bejniethom. Għalhekk sostniet li m'hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attriċi. Anzi, l-konvenuta ssostni li kienet

hi li sofriet danni u spejjeż konsegwenza tar-rifjut tal-konsenja tal-kċina kif pattwit bejniethom.

In vista ta' dan il-konvenuta ppreżentat kontro-talba fejn qiegħda tippretendi li l-attriċi tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' ħamest elef, mija u seba' ewro (€5,107) rappreżentanti spejjeż inkorsi minnha konsegwenza tal-aġir tal-attriċi, u kif ukoll spejjeż u interessi fuq somma li ġiet depożitata permezz ta' ċedola bin-numru 1010/2019 konsegwenza tal-Mandat numru 700/2019 li ntavolat l-attriċi.

Illi l-attriċi rrispondiet għall-kontro-talba tal-konvenuta u sostniet li hija dejjem aġixxiet fil-parametri tal-liġi u li jekk il-konvenuta nkorriet xi spejjeż dawn kienu tort tagħha stante li naqset milli tonora l-obbligi assunti minnha. Sostniet li hija ma taħti għal ebda spejjeż inkorsi mill-konvenuta għaliex dawn saru, fost affarijiet oħra, frott ta' pika u ebusija tar-ras tad-direttur tal-konvenuta.

## PROVI

**L-attriċi** xehdet illi f'Settembru, 2017, marret għand il-konvenuta biex tixtri kċina. Tispjega li kienet għażlet kċina bil-*lacquer* u mhux *laminate* peress li kellha r-riflessjoni tagħha iktar tleqq u għalhekk f'Ottubru għamlet depożitu ta' ħames mitt ewro (€500). Ir-rappreżentanti tal-konvenuta qalulha biex tibda tfittex l-*appliances* u hi ordnat l-istess *appliances* mingħand id-ditta Crosscraft u wara li għamlet din l-ordni reġgħet marret għand il-konvenuta u tat it-tieni depożitu ta' elfejn, tliet mija u ħamsin ewro (€2350). Spjegat li l-kċina kellha tasal bejn wieħed u ieħor f'Marzu, 2018, pero` l-istess konsenja u installazzjoni kienet ġiet posposta min-naħa tagħha peress li kien għad fadlilha xi xogħlijiet xi jsiru. Kif bdiet toqrob id-data li tasal il-kċina marret għand Halmann u ordnat il-wiċċ tal-kċina tal-materjal *quartz* li kien jiswa elf, seba' mija u tmienja u sebgħin ewro (€1778).

Fit-23 ta' Mejju, 2018, ġiet konsenjata l-kċina u ħallset tlett elef, disa' mija u ħamsin ewro (€3950) oħra. Fit-13 ta' Ġunju, 2018, ġiet installata l-kċina u ħallset il-kumplament tal-prezz, u ċioe`

tliet mitt ewro (€300) biex b'hekk kienet ħallset il-prezz sħiħ ta' sebat elef u mitt ewro (€7100).

Spjegat li meta kienet qed issir l-installazzjoni, ġie nnutat li kien hemm bieba li kellha ponta żgħira mtajjra fil-kantuniera. Għalhekk l-istess bieba twaħħlet xorta pero` l-*installers* qalulha li kienet se tiġi mibdula. Fl-istess ġurnata hija kienet ġibdet l-attezjoni tal-*installers* li l-kċina ma kinitx tleqq bħall-kampjun. Sussegwentement kien ġie l-ħaddiem tal-madum u kien laqat *panel* minnhom. Għalhekk hija kellmet lil Lee Aquilina, direttur tal-konvenuta, fuq din il-*panel* u spjegalha li l-*panel* trid tinbidel billi jinqalgħu it-tlett *units* ta' ħdejha. Hija aċċettat li jsir hekk u tħallas ħames mitt ewro (€500). Lil Lee Aquilina kienet ukoll staqsietu għalfejn il-kċina ma kinitx tleqq u hu qalilha li normali tkun hekk.

Eventwalment waslu l-bieba u l-*panel* pero` meta ġew biex jiġu nstallati ndunat li kemm il-kulur tagħhom u kemm ir-riflessjoni kienu differenti mill-kumplament tal-kċina, fis-sens li kienu iktar fil-blu u l-*gloss* tagħhom kien aħjar u ċioe` kienu iktar viċin is-*sample* li kienet ordnatu fuqu. Għalhekk hi ġibdet l-attenzjoni tal-*installer,* li dan da parti tiegħu qalilha biex tagħtihom ftit żmien u jiġu bħall-oħrajn. Spjegat li hija riedet tħallsu tal-bdil tal-*panel* pero` l-*installer* qalilha li hu ma kellux ordni li jiġbor xi flus mingħandha.

Meta f'Settembru, 2018, beda joqrob iż-żmien biex jeħel il-wiċċ tal-kċina, il-kulur tal-bieba u tal-*panel* rimpjazzati baqa' ma nbidilx. Fis-16 ta' Settembru, 2018, ġurnata qabel l-installazzjoni tal-wiċċ tal-kċina, kien mar Lee Aquilina fuq il-post u qalilha li l-bieba u l-*panel* mhux se jinbidlu. Għalhekk hija ħassret il-konsenja tal-wiċċ tal-kċina. Sussegwentement talbet lil ċertu Michael, rappreżentant tal-konvenuta, biex tmur tiġbor is-*sample* li ordnat fuqu u ftehmet miegħu li kienet se tmur fit-18 ta' Settembru, 2018, fis-6.30pm. Meta kienet fix-showroom kien hemm Lee Aquilina li qalilha li ma tistax tieħu s-*sample* u għalhekk ma ħadithiex. Għalhekk l-għada ħadet il-bieba li kienet iddanneġġjata u li ġiet rimpjazzata u marret ix-showroom biex tqabbilha mas-*sample.* Lee Aquilina daħħalha fl-uffiċju u meta qabblu l-kampjun fil-fatt ma qabilx mal-kulur tal-bieba. Lee Aquilna qabel magħha li l-kampjun kien differenti

mill-bieba u għalhekk qalilha li kien se jitlob lill-Kumpanija Febal kampjuni ġodda. Lee Aquilina qalilha wkoll li Febal qalulu li l-kċina kienet ikkunsidrata normali.

Spjegat illi kien hemm affarijiet oħra li għażlet li tagħlaq għajnejha għalihom bħal xkafef milqutin, dahar imbewwaq, dahar maqlugħ u grif fl-ispray. Spjegat li għamlet dan peress li kellha ċertu għaġġla biex tidħol tgħix fil-post. Fis-26 ta' Ottubru, 2018, ftehmet ma' Lee Aquilina li kellhom jiġbru l-bibien li ġew rimpjazzati sabiex jiġu sprejjati hawn Malta. Wara li sar dan l-*ispray,* il-kulur ġie aħjar pero` xorta ma qabilx mija fil-mija. Tispjega li l-bieba li kienet ġiet danneġġjata mal-konsenja kellha kantuniera milquta, liema kantuniera kienet ġiet sprejjata nofsha *matte* u nofsha *gloss.* Lee Aquilina qalilha li fuq il-bieba u l-*panel* ma setax jagħtiha garanzija issa li kienu ġew sprejjati hawn Malta. Spjegat li kieku kienet taf b'dan kollu kienet tħalli kollox kif inhu. Is-Sur Aquilina offrielha kumpens, u ċioe` li tieħu mejda ta' tliet mitt ewro (€300) pero` hi qaltlu li mhix interessata f'kumpens iżda li jkollha l-kċina taqbel. Is-Sur Aquilina ħa lura l-bieba f'Novembru 2018 sabiex jerġa' joħodha għand l-i*sprayer,* liema bieba baqgħat qatt ma ġiet konsenjata lura.

Għalhekk hija kkomunikat mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA). Sussegwentement Lee Aquilina talabha ħames mitt ewro (€500) tal-*panel* li nbidlet, madanakollu l-attriċi nfurmatu li hija kienet lesta li tħallashom dment li l-istess *panel* kienet taqbel mal-kumplament tal-kċina. Għalhekk hija bagħtet diversi emejls lill-konvenuta u wara xi ġimgħat Lee Aquilina weġibha li kienu se jibgħatu bibien ġodda. Hija staqsietu għal liema bibien kien qed jirreferi u hu qalilha li suppost « all of them ». Peress li ma kienx ċar liema bibien se jinbidlu, l-attriċi talbet konferma li l-bibien kollha tal-kċina kienu se jinbidlu pero` Aquilina qalilha li ma kienx ċert liema se jinbidlu. Meta staqsiet lil Aquilina meta kienet se tkun il-konsenja hu qalilha li bejn wieħed u ieħor sa nofs Frar kellhom jaslu. Hija qaltlu li kemm jista' jkun ma jdewwimhiex u hu qalilha li kienet pastaża u li darb'oħra kien jimxi mod ieħor magħha. Għalhekk fis-6 ta' Diċembru 2018 hi kellmet lill-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur u bagħtet ittra reġistrata lill-konvenuta. Aquilina bagħtilha emejl fil-11

ta' Diċembru, 2018, u infurmaha li wara li tħallas ħames mitt ewro (€500) jordna l-bibien. Għalhekk hi reġgħet staqsietu għal liema bibien kien qed jirreferi u hu qalilha li ma kellux risposta u li l-bibien ma kellhomx ħsara u li jekk kellha problema kellha tkellem lil tal-madum. Qalilha wkoll li fil-kuntratt hemm miktub li bibien li jiġu ordnati iktar tard jistgħu ma jaqblux pero` hi rraġunat li jekk bieba waslet bid-difett minn barra minn Malta mhux tort tagħha . Barra minn hekk, il-kċina kollha ma kinitx taqbel mal-kampjun li hija ordnat fuqu. Għalhekk hi ppreżentat ilment mal-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Fit-18 ta' Diċembru, 2018, Aquilina bagħtilha emejl biex isir *full and final settlement* u mbagħad jordna l-bibien. Hija għalhekk kellmet lill-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur li ddiriġewha ssaqsi lill-konvenuta liema bibien kien qed jirreferi għalihom. Fl-4 ta' Jannar, 2019, irċeviet pjanta tal-kċina bil-bibien li kienu se jinbidlu. Hi aċċettat u qablet li dawk kienu l-bibien li riedu jinbidlu. Aquilina talabha tiffirma d-dikjarazzjoni ta' *full and final settlement* u l-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur qalulha li kienu se jikkomunikaw miegħu huma. Wara li saret din il-komunikazzjoni, l-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur qalulha li Aquilina kien qed jesiġi li tiġi ffirmata dikjarazzjoni ta' *full and final settlement* u li minn hemmhekk ma setgħux jgħinuha iktar. L-attriċi infurmat lil Aquilina li ladarba jiġu konsenjati l-bibien hija kienet lesta li tiffirma d-dikjarazzjoni mitluba. Peress li Aquilina ħalliha bla risposta, hija reġgħet talbet l-għajnuna tal-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur pero` qalulha li ma jistgħux jgħinuha. Għalhekk hija fittxet kuntatt tal-Febal fl-Italja, ċertu Cristian Frassinetti, u nfurmatu bis-sitwazzjoni. Hija reġgħet avviċinat lill-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur li da parti tagħhom ikkuntattjaw lil Aquilina li fit-28 ta' Jannar, 2019, qalilhom li riedha tiffirma d-dikjarazzjoni dakinhar stess. Hija qaltlu li kienet lesta li tiffirma d-dikjarazzjoni u tħallsu l-ħames mitt ewro (€500) « upon delivery and installation ». Aquilina ma aċċettax u qalilha li jekk trid tmexxi legalment. Fil-11 ta' Frar, 2019, kienu ċemplulha l-Uffiċju tal-Affarijiet tal-Konsumatur u staqsewha hux lesta li tiltaqa' mar-rappreżentanti tal-konvenuta. Hija aċċettatat u fil-laqgħa ġie miftiehem li l-kċina kienet se tiġi bejn wieħed u ieħor f'Marzu, 2019. Fis-7 jew 8 ta' Marzu, 2019, kienet irċeviet telefonata mingħand l-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur għaliex kienet ippowstjat kumment

fuq il-paġna ta' Facebook *Are You Being Served ?* fejn xi ħadd kien staqsa għal suġġeriment fejn jista' jagħmel kamra tas-sodda, u hi kitbet « anyone except Bonds ». Hija kitbet ukoll illi ma kellhiex esperjenza sabiħa ma' Bond's għax kienet ilha disa' xhur mingħajr kċina u kċina ma taqbilx. L-Uffiċju għall-Konsumatur infurmawha li l-konvenuta irtirat l-offerta tagħha li ġġibilha l-kċina. Għalhekk hija avviċinat lill-avukat tagħha li tkellem mal-avukat tal-konvenuta u wara li ngħatat appuntament għall-installazzjoni mill-konvenuta għal Marzu, ma kien mar ħadd għax qalulha li ma kinux sabu *lifter.* Għalhekk ingħatat appuntament ieħor għall-10 ta' April, 2019, pero` reġa' ma tfaċċa ħadd.

Għalhekk hija pproċediet b'Mandat ta' Sekwestru għall-prezz tal-kċina u għall-prezz tal-wiċċ tal-kċina fl-ammont ta' tmint elef, mitejn u tmienja u sebgħin ewro (€8278) u pproċediet b'din il-kawża. F'Ġunu, 2019, irrealizzat li l-konvenuta kienet ħarġet Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tagħha.

L-attriċi spjegat illi hija sofriet id-danni minħabba l-aġir tal-konvenuta, fosthom illi għaddeja garanzija fuq l-*appliances* li hija xtrat mingħand il-Kumpanija Crosscraft meta hi ma tistax tużahom, u wkoll telf ta' kirja li ommha u missierha setgħu jagħmlu u ma għamlux stante li hi kellha tibqa' tirrisjedi magħhom għaliex ma tistax tidħol toqgħod fil-post mingħajr kċina.

L-attriċi ppreżentat prospett tad-danni reklamati minnha[1] li jikkonsisti fis-segwenti u ċioe ` :

| **Deskrizzjoni tad-danni sofferti** | **Ammont (€)** |
|---|---|
| Kawża | 900 |
| Sekwestru | 200 |
| Ħlasijiet lill-Avukati | 120 |
| Kontromandat ta' sekwestru | 500 |
| Espert tal-Qorti | 363,50 |
| Ħlasijiet lill-ġenituri tul kemm kellha tibqa' tgħix fil-proprjetà tagħhom | 1080 |

[1] A fol 439

| | |
|---|---|
| Telf mill-kera tal-ġenituri tal-attriċi peress li l-attriċi kellha tibqa' tokkupa l-proprjetà tagħhom (minn Ġunju 2018 sa Jannar 2020) | 24,200 (1100 x 22 xahar) |
| **Total** | **27, 363.50** |
| **Ammont li jrid jiġi stabbilit minn din il-Qorti bejn dak li ħalset l-attriċi lis-soċjetà konvenuta għall-kċina ordnata minnha u l-valur ta' dak li attwalment ġie konsenjat lilha** | *Arbitrio boni viri* |

In kontro-eżami l-attriċi kkonfermat illi l-*appliances* li xtrat preżentement jinsabu fil-kċina. Stqarret illi l-ewwel darba li ġibdet l-attenzjoni dwar il-*finish* kien meta l-kċina ġiet installata. Hija ċaħdet illi Aquilina kien talabha biex ma tippowstjax fuq il-mezzi soċjali. Stqarret li daħlet fil-post fl-2020 u li ma setgħetx tidħol qabel għax ma kellhiex kċina għalkemm xorta fl-2020 ma kellhiex il-kċina.

Illi l-attriċi pproduċiet bħala xhud lill-għarus tagħha Reuben Spiteri li kkonferma l-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha. Ipproduċiet ukoll lil rappreżentant ta' Halmann Vella li xehed li l-wiċċ tal-kċina ordnat mill-attriċi kien għadu mhux konsenjat fuq talba tal-attriċi. Ipproduċiet ukoll lil Dr. Phyllis Bezzina in rappreżentanza tal-MCCAA li kkonfermat illi kien infetaħ ilment kontra l-konvenuta fid-19 ta' Diċembru, 2018, u ppreżentat għadd ta' dokumenti dwar komunikazzjoni li għaddiet dwar l-istess ilment.

**Lee Aquilina** xehed illi l-konvenuta hija l-aġent f'Malta tad-ditta Febal. Fit-2 ta' Diċembru, 2017, kienet saret l-ordni tal-kċina in kwistjoni u sar l-ewwel depożitu. Spjega li l-konsenja ma saritx fid-data miftehma mal-attriċi, u ċioe` f'Marzu 2018, fuq talba tagħha stess. Fil-25 ta' Mejju, 2018, saret il-konsenja tal-kċina u ġiet installata fit-13 ta' Ġunju, 2018. Spjega li meta l-kċina in kwistjoni kienet qed tiġi nstallata ġie nnutat li kien hemm bieba b'difett u din ġiet eventwalment rimpjazzata, nonostante li ma kinux tenuti jagħmlu dan peress li fil-ftehim kien stipulat li l-konvenuta ma kinitx responsabbli għal ħsarat meta l-kċina tiġi konsenjata pero` ma tiġix installata fl-istess ġurnata. Spjega wkoll illi ġew infurmati mill-attriċi illi l-ħaddiem tal-madum inkarigat minnha kien laqat *panel* u din ġiet eventwalment ordnata minnhom biex tinbidel. Kemm il-bieba u kemm il-*panel* ġew rimpjazzati fit-30 ta' Awwissu, 2018,

u xi ġranet wara l-attriċi ilmentat li l-kulur tal-istess ma kienx jaqbel mal-kumplament tal-kċina. Għalhekk hu mar fuq il-post fis-16 ta' Settembru, 2018, u ssuġġerixxa li l-istess bieba u *panel* jiġu sprejjati lokalment pero` spjegalha li kien hemm il-possibilita` li dawn ma jiġux jaqblu. L-attriċi qablet li jiġu sprejjati pero` meta reġgħu ġew installati hija lmentat li l-kulur ma kienx ġie jaqbel mal-bqija tal-kċina. Għalhekk huwa għamel spezzjoni oħra fejn fl-opinjoni tiegħu id-differenza fil-kulur kienet waħda negliġibbli li setgħet biss tingħaraf minn għajn esperta. Spjega li f'Settembru, 2018, l-attriċi lmentat li ma kinitx kuntenta bil-*finish* tal-kċina sħiħa. Għalhekk huwa stendinha biex tmur fix-showroom biex tara kċina b'*finish* identiku li kien hemm *on display* sabiex tkun tista' tqabbel. L-attriċi fil-fatt marret fix-*showroom* pero` baqgħat issostni li l-*finish* tal-kċina tagħha kien inaċċettabbli. Għalhekk huwa talab lill-attriċi tibgħatlu emejl bl-ilment tagħha biex ikun jista' jgħaddiha lill-fornitur Febal. Da parti tagħhom Febal iddikjarat li l-kċina kienet « normali » u « aċċettabbli ». Madanakollu huma xorta ddeċidew li jibdlu l-bibien u l-*panels* viżibbli biex jagħlqu l-kwistjoni b'dana illi l-attriċi kellha tiffirma dikjarazzjoni ta' *full and final settlement.* Wara xi diskussjonijiet, il-partijiet ftehmu illi l-bibien u *panels* kellhom jaslu sas-16 ta' Marzu, 2019, wara liema kellhom jiġu nstallati u l-attriċi tiffirma d-dikjarazzjoni msemmija. Spjega li wara li sar dan il-ftehim l-attriċi kitbet kummenti negattivi fuq il-paġna tal-Facebook group *Are You Being Served ?* u dan minkejja li kienet obbligat ruħha li ma tippowstja xejn negattiv fuq il-konvenuta fuq il-mezzi soċjali. Spjega li mingħajr ebda raġuni l-attriċi ma riditx tiffirma d-dikjarazzjoni u għalhekk id-data tal-installazzjoni li kienet prevista għas-26 ta' Marzu, 2019, ġiet kanċellata. Wara li reġgħet saret komunikazzjoni, l-attriċi aċċettat li tiffirma d-dikjarazzjoni u ġiet miftehma data oħra għall-installazzjoni għall-10 ta' April, 2019. Madanakollu l-attriċi talbet li tingħata ħamest (5) ijiem żmien mid-data tal-installazzjoni biex tivverifika li x-xogħol kien sar sew, wara liema kienet se tiffirma d-dikjarazzjoni. Il-konvenuta ma qablitx ma dan għaliex hija proċedura *standard* illi l-klijent jiċċekkja x-xogħol mal-konsenja, qabel, waqt u wara l-installazzjoni. Spjega li l-attriċi kienet bagħtitlu l-ftehim iffirmat minnha pero` kienet emendatu mingħajr il-kunsens tal-konvenuta, liema ftehim wasal għand il-

konvenuta tmien sigħat qabel kellha ssir il-konsenja, u dan minkejja li l-ftehim kien ilu għandha ġimgħat sħaħ.

Aquilina stqarr illi l-konvenuta inkorriet spejjeż bla bżonn, u ċioe` :

| | |
|---|---|
| **Cost of replacement doors** | ***€2306*** |
| ***Shipping of doors*** | ***€230*** |
| ***2 Cancelled Appointments and conditions of sale)*** | ***€230 (as per contract*** |
| ***Storage charges (additional 12 weeks)*** | ***€300*** |
| ***Interest on €8440 (8% for 3 years)*** | ***€2025*** |
| ***Amount unpaid*** | ***€500*** |
| ***Sprayer sun Rise Garage*** | ***€177*** |
| ***Court and Bank Charges on Garnishee*** | ***€431***[2] |

Jgħid ukoll illi hemm danni oħra li diffiċli wieħed jikkwantifika, bħal pereżempju riklam ħażin fuq il-mezzi soċjali. Huwa stqarr illi l-attriċi kienet qed iċċaqlaq il-lasti kull darba li jilħqu ftehim u dana peress li l-ewwel ilment kien biss fuq bieba u *panel* li l-kulur tagħhom ma kienx jaqbel ; wara dan ilmentat fuq il-kwalita' tal-*spray* tal-kċina kollha u meta laħqu ftehim li jinbidlu l-bibien kollha u l-*panels* li kienu visibbli hija ma riditx tiffirma l-ftehim u riedet żmien ħamest ijiem mill-installazzjoni biex tiċċekkja l-kċina. Meta eventwalment sar ftehim ieħor, l-attriċi bagħtet il-ftehim iffirmat, pero` emendat skont kif dehrilha hi.

Il-konvenuta ppreżentat ukoll prospett tad-danni allegatament sofferti minnha, u ċioe` :

***Cost of replacement of doors*** ***€2,306***

*Doc A is the actual proforma paid for all the replacement doors and showing sides for Ms. Delicata's kitchen. These were also seen and inspected by Ms. Delicata.*

***Shipping of the doors*** ***€230.60***

---

[2] A fol. 446

*Shipping and unloading of the contents, hereinafter referred to as 'destaffing', is always 10% of the cost price of the furniture. The doors were shipped together with other items via trailer referred to in Docs Bi which trailer load costed 3,765.83 Euros. Destaffing is not included in the price shown in Doc Bi, as we do it with our own employees. It requires eight people for a full day at a cost of approximately €800.*

***3 Cancelled appointments*** ***€345***

*As per conditions of sale signed by Ms. Delicata (see point 17 of Doc C), any cancelled appointments carry a cancellation charge of €115. This is imposed because in our line of work, clients need to be informed at least a week in advance to be at home and prepare rooms for installation, so when we have a cancellation close to the installation date it is practically impossible to fit in a new job.*

*Doc Di & Dii are emails requesting Ms. Delicata to send the signed agreement so that we will go and not have to cancel the appointment once again due to a shortcoming from Ms. Delicata's end.*

***Storage Charges*** ***€300***

*As per the contract and conditions of sale signed by Ms. Delicata, the kitchen was requested to be delivered and installed by the beginning of March 2018 or before if available (see point 18 of Doc C). Despite what was agreed to by Ms. Delicata in the Conditions of Sale we were made to keep the kitchen in our stores until the end of May as Ms. Delicata was not yet ready to take her kitchen. Even after the kitchen was delivered, this could not be installed before another two weeks had passed. Since all furniture is on order, we need all stock coming in to be delivered as quickly as possible to make space for new stock arriving. Normally, all stock received is delivered within the following ten days. In Ms. Delicata's case it spent* ***twelve weeks in our store****. In our Conditions of Sale we also specify that there is a storage fee of €25 per order per week, reference is made to point 9 of Doc C. Therefore, €25 for 12 weeks amounts to €300.*

***Sprayer*** *Sun Rise Garage (Doc E)* ***€177***

*This is the amount paid to respray one side and one door at a local sprayer. The same spray was seen by Mr. Ciliberti and said that the quality and colour are perfect.*

***Interest*** *on amount of garnishee order (8% for 3 years)* ***€2,025***

*This is the interest due at the rate of 8% on our overdraft account. €8,440 is the amount of the garnishee order 700/2019 (Doc. F) which sum was deposited in court by means of Schedule of deposit number 1010/2019*

***Unpaid amount*** ***€500***

*This is the amount Ms. Delicata never paid for an order made by her, she also mentioned that this amount was not paid in her own testimony.*

***Court and Bank Charges*** ***€523.51***

*Court Charges €99.20 (Doc F), Initial Bank Charges €170.87 (Doc. Fii), Annual Bank Charges €253.44 (€84.48 per year) (Doc Fiii).*

***Total Expenses*** ***€6,407.11***[3]

In kontro-eżami Aquilina stqarr illi hija prassi normali li ma jitolbux għal *storage charges* meta l-klijenti ma jkunux lesti għall-konsenja. Huwa xehed illi qabel kellha ssir il-konsenja tal-bibien u l-*panels* li kellhom jirrimpjazzaw dawk eżistenti, l-attriċi kienet marret tara l-istess bibien u *panels* ġewwa l-maħżen tagħhom.

In ri-eżami stqarr illi l-konveuta talbet l-*istorage fees* peress li r-relazzjoni mal-attriċi ma baqgħetx waħda tajba. Spjega wkoll illi huwa nsista li l-attriċi tikkonferma mal-installazzjoni li kien kollox sew għaliex wara li l-ħaddiema jitilqu minn fuq il-post jistgħu isiru ħsarat.

Illi stante li din il-kawża titratta dwar kwistjoni teknika, il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Vincent Ciliberti biex jirrelata dwar l-allegati ħsarat u diskrepanzi senjalati mill-attriċi.

Illi fil-21 ta' Lulju, 2021, il-Perit Tekniku ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fejn fost affarijiet oħra ikkonkluda illi l-mudell u l-*finish* tal-kampjun li Aquilina urieh waqt l-aċċess kienu l-istess li kien hemm indikat fuq l-*Order Confirmation*. Il-Perit Tekniku kien ukoll tal-opinjoni illi l-kċina in kwistjoni ma hijiex maħduma u mmuntata b'mod professjonali. Huwa kkonkluda wkoll illi d-dahar tal-kċina kien ta' kwalita` (ħxuna) inferjuri bir-riżultat li nħolqu spazji bejn id-dahar u mad-dawra tal-ixkafef. Huwa nnota wkoll li l-*ispray* kien imqalla'.

In eskussjoni l-Perit Tekniku stqarr illi bħala kulur ma kienx hemm avarija fil-komponenti tal-kċina. Xehed ukoll illi l-ħxuna tad-dahar trid tkun tal-inqas sitt (6) millimetri. Huwa żied jgħid

---

[3] A fol. 504-505

illi l-kċina mhux tal-prezz pattwit. Qal ukoll illi fil-ħxuna tal-bibien kien hemm it-taqtir tal-*ispray*. Huwa kkonferma li ma kienx ra xkafef milqutin jew grif fl-*ispray*.

**Ikkunsidrat :**

Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva illi din il-kwistjoni setgħet tiġi faċilment riżolta bi ftit buon sens u għalkemm konxja li saru tentattivi, anke *pendente lite*, biex il-mertu jiġi tranżatt, l-istess tranżazzjoni baqgħat ma seħħitx.

Illi l-attriċi pproċediet b'din il-kawża fejn talbet kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' ħmistax-il elef ewro (€15,000) rappreżentanti :

1. Ħlasijiet lura li saru minnha għall-kċina li ġiet konsenjata u li skontha ma kinitx tal-kwalita` pattwita ;
2. Spejjeż inkorsi minnha konsegwenza tal-aġir tal-konvenuta, u
3. Danni sofferti minnha minħabba l-aġir u n-nuqqasijiet tal-konvenuta.

Illi l-Kodiċi Ċivili ipoġġi a disposizzjoni tax-xerrej żewġ azzjonijiet kontra l-venditur meta fl-opinjoni tiegħu il-bejgħ ikun afflitt minn xi nuqqas da parti tal-bejjiegħ, u ċioe` dik ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili u dik ai termini tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-**artikolu 1427** tal-Kodiċi Ċivili jagħti rimedju lix-xerrej għal difetti li ma jidhrux. L-imsemmi artikolu jagħti l-jedd lix-xerrej iġib 'i1 quddiem l-**azzjoni redibitorja**, fejn allura x-xerrej jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, jġib 'il quddiem l-**azzjoni stimatorja**, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.

Illi l-Qorti ma hix tal-fehma illi l-azzjoni tal-attriċi tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 1427, l-ewwel u qabel kollox għaliex ma jirriżultax illi l-kċina kellha xi difetti li ma jidhrux u fit-tieni lok ma saret ebda talba minn dawk imsemmija fl-imsemmi artikolu in kwantu fit-talba tagħha l-attriċi qed titlob għall-ħlas kollu magħmul minnha lill-konvenuta. Filwaqt li l-Qorti rat illi fil-

prospett ippreżentat mill-attriċi a fol. 439 ġie dikjarat li kienet qed tħalli f'idejn il-Qorti biex tillikwida l-valur li għandu jiġi rifuż lilha bejn dak li ħallset u l-valur li skont il-Qorti jirrifletti l-kċina li ġiet konsenjata lilha, dan ma jirriflettix it-talba tagħha fir-rikors promutur u l-pretensjoni tagħha dedotta fil-Mandat ta' Sekwestru intavolat minnha skont kif xehdet hija stess quddiem din il-Qorti.

Ir-rimedju l-ieħor mogħti lil xerrej a tenur tal-**artikolu 1390** tal-Kodiċi Ċivili huwa meta l-ħaġa li l-bejjiegħ jikkunsinna lix-xerrej ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar. **F'dawn l-istanzi x-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.**

Illi kif ingħad iktar 'il fuq, f'dan il-każ ma jirriżultax illi l-attriċi qiegħda teżerċita l-azzjoni stimatorja għaliex it-talba tagħha hija għar-rifużjoni tal-prezz, spejjeż inkorsi u għad-danni. Huwa importanti li jingħad illi kawża għar-rifużjoni ta' prezz f'bejgħ, u ċioe` l-azzjoni redibitorja, skond l-artikolu 1427, hija msejsa fuq bażi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ t'oġġetti li mhumiex tal-kwalita miftehma, apparti li ż-żewġ azzjonijiet għandhom rimedji differenti u perjodi preskrittivi differenti. Huwa prinċipju aċċettat illi r-rimedji għax-xerrej huma biss u esklussivament dawk imsemmija, u ċioe` l-azzjoni redibitorja u stimatorja f'każ ta' vizzji okkulti u l-azzjoni a bażi tal-artikolu 1390 f'każ ta' bejgħ ta' oġġett li ma jkunx tal-kwalità pattwita. Il-Qorti se tikkwota estensivament mid-deċiżjoni fl-ismijiiet N**orman Spiteri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Boxit Ltd vs L-Avukat Dottor Pierre Lofaro noe**[4] fejn ġew affermati prinċipji fir-rigward tal-azzjonijiet li jistgħu jintużaw minn xerrej u li fil-fehma ta' din il-Qorti japplikaw għall-każ odjern:

*"Ma hemmx problema li fil-fatt l-azzjoni attriċi saret entro t-terminu preskritt fil-liġi. L-esponent pero` jsib diffikulta` insormontabbli meta jqabbel it-talbiet attriċi li huma ċari u speċifiċi mar-rimedji daqstant ieħor speċifiċi li tagħti l-liġi. Il-liġi tagħti lix-xerrej żewġ opżjonijiet meta jiskopri li l-oġġett mibjugħ mhux tal-kwalita` pattwita u dawn huma r-rifjut ta' l-oġġett u talba għad-danni, jew iż-żamma ta' l-oġġett u diminuzzjoni fil-prezz*

[4] Qorti Ċivili, Prim Awla – 14 ta' Ottubru, 2009

*minħabba n-nuqqasijiet (ara* ***Nicholas Borg vs Mauro Farrugia*** *noe, PA 28.10.72). Is-soċjeta` attriċi inveċe għamlet kawża fejn talbet li tiġi mogħtija d-danni mingħajr ma speċifikat l-għażla tagħha mir-rimedji mogħtija mill-liġi. Mhux il-kompitu tal-Qrati li tinterpreta l-intenzjoni tal-parti meta l-liġi hi ċara u tpoġġi oneru u obbligu fuq il-parti li jispeċifika b'mod ċar u inekwivokabbli t-talba tiegħu. Talba għad-danni magħmula b'mod ġeneriku ma tistax tintlaqa' meta l-liġi hi ċara u inekwivoka. Talba għad-danni mhux permessibbli meta l-liġi hi eżawrjenti għar-rimedji applikabbli għax-xerrej. Hu minnu li mill-atti irriżulta li x-xerrej żamm l-oġġetti u elenka dak li qed jippretendi pero` dan qed jippretendih in linea ta' danni subiti u mhux bħala raġuni għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-valur u diminuzzjoni fil-prezz. Fil-fatt ma saret ebda talba ad hoc da parti tas-soċjeta` attriċi biex jiġi stabbilit il-valur reali tal-makkinarju mibjugħ bl-opra ta' periti, meħud in konsiderazzjoni l-lanjanzi ta' l-istess soċjeta` attriċi. Ma jistax wieħed anqas jallaċċja l-azzjoni għad-danni konsegwenzjali għar-rifjut ta' l-oġġett mibjugħ għax il-makkinarju ma ġiex rifjutat. L-uniku ċedola ta' depożitu li saret mis-soċjeta` attriċi li tagħha ġiet preżentata kopja fil-mori tal-kawża (Dok MG2) a fol 316 tal-proċess tirreferi għal biċċtejn makkinarju li fl-istess skrittura ta' bejgħ, il-venditur żamm it-titolu fuqhom sakemm jitħallas il-bilanċ tal-prezz mis-soċjeta` attriċi. Din iċ-ċedola saret, kif jirriżulta mill-istess raġunijiet mogħtija, biex tagħmel tajjeb għad-danni u bħala preservazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati u għal ebda raġuni oħra.*

*Is-soċjeta` attriċi, fl-eċċezzjonijiet għall-kontro talba tindika l-preferenza tagħha biex tirċevi l-makkinarju bi prezz inqas. Pero` din mhix talba fil-veru sens u ma tistax tiġi allaċċjata maċ-ċitazzjoni attriċi bħala kjarifika. In-natura tat-talbiet attriċi fiċ-ċitazzjoni minnha proposti huma ċari u ma jħallux spazju għall-interpretazzjoni larga jew korrezzjoni fl-atti mingħajr preġudizzju irimedjabbli għall-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u dan mhux permessibbli fil-liġi.*

*Fil-kawża* ***Briffa vs Mallia****, deċiża minn din il-Qorti (per Onor. R. C. Pace) fit-28 ta' Frar, 2002, intqal: "Illi għalhekk jirriżulta li l-azzjoni attriċi kif inhi imposta bħala azzjoni merament ta' danni ma għandha ebda bażi ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgħ, fejn l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-paċifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oġġett mhux tal-kwalita` pattwita abbażi ta' l-artikolu 1390 tal-Kap. 16.*

*Illi dan ġie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Nadia Cassar et vs Charles Pace noe*** *(Qorti tal-Kummerċ. Onor. J. D. Camilleri) 13 ta' Marzu 1995), fejn ingħad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodiċi Ċivili taħt it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan abbażi ta' l-insenjament magħmul fis-sentenza* ***Scicluna vs Scerri*** *(Kummerċ 16 ta' Jannar, 1958 – XLII.ii.855), fejn ingħad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli speċjali*

*li għandhom għalhekk jipprevalu għad-disposizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-liġi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposta oneri, akbar minn dawk indikati fil-liġi".*

*Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony McKay vs Alfred Cassar*** *(Kummerċ Onor. J. Filletti 10 ta' Diċembru, 1992), fejn ġie ikkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minnflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan ġie kkonfermat fis-sentenza* ***JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited*** *(Prim'Awla, Onor. R. C. Pace, 28 ta' Ġunju 2001).*

*Illi fil-fatt fl-istess sentenza ġew affermati s-segwenti prinċipji u ċioe' li minn dak fuq premess jirriżulta li per analogia u applikati l-prinċipji fuq esposti jirriżulta li:*

*(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-uniċi permissibbli lix-xerrej;*

*(b) it-talbiet tax-xerrej huma limitati għal dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta' l-istess artikoli, b'dan għalhekk li f'kawża tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-każ ċitazzjoni) odjerna u abbażi ta' l-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua non' li:*

*i) l-oġġett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*
*ii) talba għall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifużjoni ta' parti mill-prezz li tirriżulta li hija in eċċess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tingħata l-ħaġa lura u jintradd il-prezz, jew abbażi ta' l-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew jirċievi l-ħaġa bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

Illi kif diġa ġie espress iktar 'il fuq, din il-kawża ma tikkonċernax diffetti latenti. Għalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, huwa l-artikolu 1390 li għandu applikazzjoni fil-kawża odjerna. Dan l-artikolu jagħti lix-xerrej żewġ opzjonijiet meta jiskopri li l-għamara mibjugħa lilu mhix tal-kwalita` pattwita u dawn huma: a) ir-rifjut tal-għamara u talba għad-danni; jew b) iż-żamma tal-għamara u diminuzzjoni fil-prezz minħabba n-nuqqasijiet. Il-problema hija li f'din il-kawża l-attriċi żammet il-kċina u ma talabitx għal diminuzzjoni fil-prezz imma rifużjoni tal-prezz sħiħ.

Illi huwa bil-wisq evidenti illi l-attriċi mhux talli żammet il-kċina iżda għamlet użu minnha tant li waħħlet l-*appliances*. F'ċerti

każijiet eċċezzjonali r-ritorn tal-ħaġa konsenjata lix-xerrej tista' tkun fiżikament impossibbli u għalhekk l-azzjoni għandha tiġi aċċettata mingħajr din il-kundizzjoni. Pero' dan ma jistax jingħad għall-kawża odjerna. Il-Qorti tħoss illi dan kien każ fejn l-attriċi setgħet tirritorna l-kċina lura jew tiddepożitaha f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti almenu xi żmien wara li l-ftehim bejnha u l-konveuta ma ntlaħaqx. L-attriċi ma għamlitx hekk u fil-fatt mill-provi jiriżulta illi l-kċina għadha fil-pusses tagħha u qiegħda tintuża għall-iskop li għalih ġiet mixtrija.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **John Mary Dalli v Grezzju Pattinot**[5] fejn intqal is-segwenti: "*Mill-banda l-oħra jekk il-kompratur jagħżel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jireaġixxi kif trid il-liġi għal fatt li dak l-oġġett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita' pattwita il-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabilment il-posizzjoni tiegħu*" .

Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra illi skond l-artikolu 1390 ir-radd lura mix-xerrej tal-oġġett huwa rekwiżit kruċjali għas-suċċess tal-kawża attriċi. Sfortunatament f'dan il-każ dan ma sarx. Għalhekk l-azzjoni attriċi hija mankanti fir-rigward ta' wieħed mill-kriterji essenzjali tal-azzjoni promossa u ma tistax tintlaqa'.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tagħmel referenza għad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi ai termini tal-artikolu 73 (2) (b) tal-Kapitolu 378, l-oġġetti mibjugħa għandhom *« ikunu ta' kwalità tal-kampjun jew il-mudell li l-bejjiegħ ikun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni tiegħu."* Imbagħad ai termini tal-artikolu 74 (1) tal-imsemmi Kapitolu *" Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu u fl-artikolu 75."*

[5] Qorti ta' l-Appell Ċivili (Superjuri) – 19 ta' Mejju, 2020

Illi meta jkun hemm nuqqas ta' konformita` x-xerrej huwa intitolat li jitlob is-sostituzzjoni jew it-tiswija tal-oġġetti. Illi pero` f'dan il-każ l-attriċi, qua xerrejja, talbet fir-rikors ippreżentat minnha l-ammont li hija ħallset lill-konvenuta, li mill-provi jirriżulta li kien l-ammont sħiħ tal-valur tal-kċina, u ċioe` €7100. Illi għaldaqstant bit-talba tagħha għar-rifjużjoni tal-ammont imħallas, l-attriċi ma setgħetx tibqa' żżomm il-kċina u fl-istess ħin titlob ir-rifużjoni tal-ammont kollu mħallas minnha. Dan ir-rimedju mkien m'hu kontemplat fil-liġi. Di piu`, jekk l-attriċi riedet tittermina l-kuntratt, ai termini tal-artikolu 78A tal-Kapitolu 378, hija kellha trodd lura l-kċina, apparti li ai termini tal-artikolu 79 kellha tinnotifika lill-bejjiegħ fuq mezz durabbli[6] dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' xahrejn mid-data li fiha kienet indunat b'tali nuqqas ta' konformità. Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi hija ma kinitx kuntenta bil-*finishing* tal-kċina malli din ġiet installata fit-13 ta' Ġunju 2018 pero` ma lmentatx mill-*finishing* tal-kċina kompleta qabel Settembru 2018, pero` l-ilment tagħha ma kienx skont kif jistipula artikolu 79 u dan għaliex jirriżula illi l-ewwel darba li kitbet formalment lill-konvenuta kien fis-17 ta' Novembru 2018.[7]

Illi fil-fehma tal-Qorti u mill-assjem tal-provi prodotti, l-unika ħaġa li l-attriċi kellha dritt titlob lill-konvenuta kien il-bdil tal-bieba li ġiet difettuża mingħand il-fornitur Febal. Naturalment hija kellha kull dritt li din il-bieba tiġi fl-istess kulur tal-bqija tal-kċina. Jirriżulta pero` li skont hi kien hemm avarija fil-kulur tal-istess bieba u ta' *panel* oħra li kienet ġiet ordnata wara li t-*tiler* tagħha kien laqatha. Illi l-konvenuta ppruvat tirrimedja għall-ilment tal-attriċi billi sprejjat l-istess bibien lokalment, pero` l-kulur xorta ma qabilx.

Illi l-konvenuta tagħmel referenza għall-*conditions of sale* li jifformaw parti mill-kuntratt li sar bejn il-partijiet fejn fi klawsola minnhom hemm imniżżel is-segwenti, u ċioe` *« Colours of the items ordered later may not match and colours/models may*

[6] "mezz durabbli" tfisser kwalunkwe strument li jippermetti li l-konsumatur jew il-bejjiegħ jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lil dik il-persuna b'mod li hu aċċessibbli għal referenza futura, għal perjodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni, u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

[7] Ara emejl a fol. 118

*be discontinued.»* Illi pero`, bir-rispett kollu, il-Qorti ma tqisx illi l-ordni tal-bieba li kienet difettuża tista' titqies bħala «an item ordered later» għaliex din ma ġietx ordnata mill-attriċi iżda ġiet ordnata għaliex ġiet konsenjata difettuża. Illi għalhekk fir-rigward tal-bieba difettuża ma tapplikax din il-klawsola. Pero` din il-klawsola tapplika fir-rigward tal-*panel* li giref it-*tiler*.

Illi pero` lil hinn minn dan kollu, irriżulta ċar illi l-konvenuta wara ħafna trattattivi aċċettat illi l-bibien u l-*panels* kollha jiġu rimpjazzati u fil-fatt għamlet l-ordni relattiva u ftehmet anke mal-attriċi għall-konsenja tal-istess. Madanakollu inqala' ntopp dwar dikjarazzjoni li kellha tiffirma l-attriċi sabiex isseħħ din it-tranżazzjoni. Filwaqt li l-konvenuta kienet qed tippretendi li mal-konsenja tiġi ffirmata dikjarazzjoni ta' « full and final settlement » da parti tal-attriċi, l-attriċi talbet li l-istess dikjarazzjonji tiġi ffirmata ħamest ijiem wara l-konsenja ħalli jkollha żmien biżżejjed biex tivverifika kinitx a sodisfazzjon tagħha. Ma' dan il-konvenuta ma qablitx u tat *ultimatum* lill-attriċi, u ċioe` li jekk ma tibgħatx id-dikjarazzjoni ffirmata sa lejliet id-data miftehma għall-installazzjoni, allura l-ftehim ma kienx se jiġi onorat. Jirriżulta illi l-attriċi bagħtet id-dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni pero` ġiet emendata minnha fis-sens illi hija riedet li tiffirma l-kwittanza fi żmien tmienja u erbgħin (48) siegħa mill-konsenja u installazzjoni. Il-konvenuta irċeviet dan il-ftehim emendat ftit siegħat biss qabel ma kellha ssir il-konsenja u għalhekk, in vista li l-attriċi kienet biddlet it-termini tal-ftehim unilateralment, ma kkonsenjatx l-ordni li kienet saret.

Illi l-attriċi għamlet enfasi illi hija kellha bżonn urġenti tal-kċina sabiex tidħol tabita fil-post tagħha u dan in vista ta' diversi diffikultajiet familjari li elenkat fix-xhieda tagħha. Illi din il-Qorti għalhekk tinsab perpelessa kif baqgħat twebbes rasha meta l-konvenuta kienet aċċettat li l-kwittanza tiffirmaha dakinhar tal-installazzjoni. Saħansitra l-attriċi kellha anke l-fakulta` li jkollha preżenti persuna ta' fiduċja tagħha sabiex tissorvelja x-xogħol u li l-oġġetti konsenjati kienu fil-fatt dawk li ġew maqbula bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti ma tistax tinjora wkoll illi l-attriċi jirriżulta li qiegħda tagħmel użu mill-kċina stante li għandha l-*appliances*

imwaħħlin, u dan kif jirriżulta mir-ritratti meħuda mill-Perit Tekniku. Dan ifisser illi l-kċina qiegħda taqdi l-funzjoni tagħha anke jekk, fl-opinjoni tal-espert tekniku, sab xi difetti bħal nuqqas ta' ħxuna biżżejjed fid-dahar tal-armarji li rriżultaw f'tibwiq.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta għamlet iktar milli kienet obbligata tagħmel fiċ-ċirkostanzi u reġgħet ordnat il-bibien u l-*panels* kollha li kien hemm bżonn. Pero` l-attriċi għażlet li tipprokrastina biex tiffirma l-kwittanza wara li l-istess bibien u *panels* jiġu nstallati, anke jekk kif ingħad iktar 'il fuq, hija ġiet mogħtija l-fakulta` li tiffirmaha wara li tispezzjonahom.

Illi din il-Qorti ssib li din il-kwistjoni ma ġietx solvuta mod ieħor mhux b'tort uniku tal-konvenuta iżda tort ukoll tal-attriċi li webbset rasha u bidlet ftehim unilatermanet u ppretendiet li l-konvenuta kellha tinstalla l-bibien u l-*panels* il-ġodda minkejja l-bdil fit-termini tal-ftehim.

Illi għalhekk, bla preġudizzju għal dak diġa' deċiż iktar 'il fuq, il-Qorti tqis illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi m'għandha dritt għal ebda kumpens jew danni għaliex l-aġir tagħha wassal lill-konvenuta fl-impossibilita` li tagħmel il-parti tagħha.

Illi min-naħa l-oħra, il-konvenuta wkoll għandha parti mit-tort li din il-kawża ma ssolvietx mod ieħor. Illi għalkemm wara numru ta' xhur mill-konsenja, il-konvenuta qablet li tibdel il-bibien u l-*panels* kollha tal-kċina, kien hemm istanzi fejn esiġiet li tirċievi kwittanza qabel dawn biss jiġu installati. Illi għalhekk il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi dak li għandha dritt titlob għalih il-konvenuta huwa biss il-ħames mitt ewro (€500) rappreżentanti l-*panel* li ġiet milquta mit-*tiler* tal-attriċi.

Illi l-Qorti fehmet illi l-bibien u l-*panels* li reġgħu ġew ordnati mill-konvenuta kollha jinsabu fil-maħżen tal-konvenuta u ilhom hemm numru ta' snin. Fil-fatt l-attriċi kienet marret tispezzjonahom. Ill-Qorti tqis illi biex tingħalaq din il-kwistjoni dawn il-bibien u l-*panels* għandhom jiġu nstallati fil-kċina tal-attriċi mingħajr iktar dewmien. Il-Qorti hija konxja li ma tistax tordna dan fid-decide għax ma jiffurmax parti minn dak li talbu l-partijiet, pero` fermement temmen li dan għandu jsir.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-azzjonijiet imressqa mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin, billi:

1. Tiċħad it-talba tal-attriċi;
2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;
3. Tiċħad it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti ħlief għall-ħlas tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) u għalhekk tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenuta s-somma ta' ħames mitt ewro (€500) rappreżentanti l-*panel* li kienet ġiet danneġġjata mill-ħaddiem inkarigat mill-istess attriċi;
4. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata in kwantu mhux inkompatibbli ma' dak deċiż fil-paragrafu preċedenti.

Bl-interessi fuq l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) mis-26 ta' Gunju 2019. [8]

L-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[8] Peress li mir-riferta *a tergo* ta' fol. 8 ma tirriżultax id-data tan-notifika tal-kontro-talba, il-Qorti qiegħda tiffissa l-ġurnata minn meta għandhom jibdew jiddekkorru l-interessi bħala s-26 ta' Ġunju 2019 u ċioe` meta l-Marixxall għamel ir-riferta tan-notifika.